# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 13**

**Citaz. Nru. 150/01GV**

**MCE Limited**

**vs**

**Fama (Distributors) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici, fl-ammont ta' elfejn, mija u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm2,140.35) rappresentanti prezz ta' diversi oggetti relatati max-xoghol ta' l-elettriku, kollox kif jindikaw numru ta' *invoices* datati mis-6 ta' Ottubru, 1999 sat-22 ta' Marzu, 2000 kif migbura fl-anness *statement of account* (Dok. A);

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas dan l-ammont u filwaqt li ammettiet l-istess debitu (Dok. B) pero' baqghet inaddempjenti u ma halsitx is-somma dovuta;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili inkluz illi s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghal din l-istess talba;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm2,140.35) kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid pprezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**